

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2011 — ZZ vs  
Il-Kummissjoni**

(**Kawża F-139/11**)

(2012/C 65/48)

Lingwa tal-kawża: il-Françiz

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: Ph.-E. Partsch, E. Raimond, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annnullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar l-aħħar stedina għas-smiġi tar-rikorrenti fil-kuntest ta' investi-gazzjoni interna u li tindika li rapport finali dwar din l-investi-gazzjoni ser ikun adottat biss fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura u analizzata b'mod unilaterali mill-OLAF, jekk ir-rikorrenti ma tilqax din l-istedina, u tal-ittra li tiċħad it-talba tagħha.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2011;
- tannulla l-ittra tat-2 ta' Diċembru 2011 filwaqt li taġixxi fuq it-talba tal-21 ta' Novembru 2011;
- tagħti lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 6 000 bħala kumpens għad-danni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2011 — ZZ vs  
Il-Kummissjoni**

(**Kawża F-140/11**)

(2012/C 65/49)

Lingwa tal-kawża: il-Françiz

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: Ph.-E. Partsch, E. Raimond, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annnullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar l-aħħar stedina għas-smiġi tar-rikorrenti fil-kuntest ta' investi-gazzjoni interna u li tindika li rapport finali dwar din l-investi-gazzjoni għandu jiġi adottat abbażi biss tal-informazzjoni miġbura u analizzata unilateralment mill-OLAF, jekk ir-rikorrenti ma jilqax din l-istedina kif ukoll l-ittra li tiċħad l-ilment tiegħu.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2011;
- jannulla d-deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2011 dwar l-ilment tal-21 ta' Novembru 2011;
- jagħti lir-rikorrenti is-somma ta' EUR 7 000 bħala danni kumpensatorji;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2011 — ZZ vs  
Il-Kummissjoni**

(**Kawża F-141/11**)

(2012/C 65/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent sabiex jitħallas l-arretrati fuq ir-remunerazzjoni dovuti għax-xhur ta' Settembru sa Diċembru 2010 u għax-xahar ta' Jannar 2011

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla kull waħda mill-ħames deċiżjonijiet ta' ċaħda segwenti, kull waħda minnhom irrisspettivament mill-forma tagħha u mill-awtur tagħha, għalkemm fi kwalunkwe każ jistgħu jiġi attribwi lill-Kummissjoni, u irrisspettivament minn jekk iċ-ċaħda kinitx ta' natura parżjali jew totali, liema deċiżjonijiet jiċħdu t-talbiet tar-rikorrent magħmula fil-ħames talbiet segwenti: (1.a) deċiżjoni li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-talba tal-5 ta' Ottubru 2010 indirizzata lill-Awtorità tal-Ħatra; (1.b) deċiżjoni li tiċħad, kemm jekk b'mod parżjali kif ukoll jekk b'mod totali, it-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-talba tat-2 ta' Novembru 2010 indirizzata lill-Awtorità tal-Ħatra; (1.c) deċiżjoni li tiċħad, kemm jekk b'mod parżjali kif ukoll jekk b'mod totali, it-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-talba tas-6 ta' Diċembru 2010 indirizzata lill-Awtorità tal-Ħatra; (1.d) deċiżjoni li tiċħad, kemm